MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 741/2008

**Go Plc (C 22334)**

**Vs**

**Hicham Hajjimi (ID 759040 M**)

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' hames mija u hamsa u tlettin euro u disgha u sebghin centezmi (€ 535.79) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi telefonici li jgibu n-numri 21410577 u 21652519 (AC 40000603 u 40024254 rispettivament) skond kif jirrizulta mid- dokumenti annessi mat-talba.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet  legali mid-data tal-prezentata ta' dan  l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa'  ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat u l-anqas ma deher  ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi  l-konvenut naqas li jidher anki ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tas-7 ta' Jannar, 2009 mill-Prokuratur Legali  Noel Xerri.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------